**Dr Joseph Licari (Indonezja)**

*Risposti ghall-mistoqsijiet ta' natura* ***personali*** *– numru 6 mill-Membri tal-Gvern u numri 4-9 mill-Membri tal-Oppozizzjoni.*

M'ghandix u qatt ma kelli n-nazzjonalità, jew il-passaport, tal-ebda pajjiz hlief ta' Malta.

M'ghandi l-ebda rabta kummercjali, jew ta' investiment, mal-Indonezja. Qatt ma zort l-Indonezja. Ma jkolli l-ebda konflitt ta' interessi jekk ninhatar ambaxxatur mhux residenti ghal dan il-pajjiz.

Qatt ma kont parti mis-Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari u qatt ma hdimt fil-qrib taghhom.

Kont impjegat mal-gvern Malti:

- mill-1987-1991 bhala ambaxxatur ghall-Unjoni Ewropea (dak iz-zmien il-Komunità Ewropea) fejn hdimt fil-kwadru tal-ftehim ta' assocjazzjoni u wittejt it-triq ghad-domanda ta' Malta biex tidhol fl-UE. Fl-istess zmien kont ambaxxatur bilaterali ghall-Belgju u (mhux residenti) ghall-Olanda u l-Lussemburgu;

- mill-1991-1996 bhala ambaxxatur ghal Franza fejn hdimt biex nikseb l-appogg ta' Franza ghad-dhul ta' Malta fl-UE. Fl-istess zmien kont ambaxxatur ghall-Unesco;

- mill-1999-2013 bhala ambaxxatur ta' Malta ghall-Kunsill tal-Ewropa fejn mexxejt il-presidenza ta' Malta (2002-2003). Mill-1999-2010 kont ukoll ambaxxatur ghall-Unesco.

*Risposta ghall-mistoqsija dwar l-**Indonezja** – numru 1 mill-Membri tal-Gvern.*

L-ekonomija

L-Indonezja, popolazzjoni madwar 280 miljun ruh, ir-raba' l-akbar fid-dinja wara l-Indja, ic-Cina u l-iStati Uniti. Ekonomija is-16 l-akbar fid-dinja. Meqjusa middle income country. Agrikoltura 14%, industrija 41%, servizzi 45%. Tesporta faham, palm oil, liquefied natural gas, azzar, injam ghamara ecc. Il-prodott ta' Malta per capita 4 jew 5 darbiet akbar minn tal-Indonezja.

L-esportazzjonijiet tal-Indonezja jmorru lejn: ic-Cina 23%, l-ASEAN 19%, Stati Uniti 12%, Unjoni Ewropea 8%, Gappun 8% u Indja 6%.

L-Indonezja taghti prijorità lill-ASEAN (Association of South East Asian Nations) – Malaysia, Singapore, Philippines, Vietnam, Thailand … Il-kummerc bejnethom dejjem jikber.

Negozjati biex isir free trade agreement bejn l-UE u l-ASEAN ma wasslu mkien. L-UE issa qed tinnegozja ftehim mal-pajjizi wiehed wiehed. Bhalissa ghaddejjin diskussjonijiet bejn l-UE u l-Indonezja dwar Comprehensive Economic Partnership Agreement li jkopri l-kummerc, l-investiment u s-servizzi.

Il-politika

Wara tlett sekli u nofs kolonja tal-Olanda u nofs seklu dittatorjat, l-Indonezja issa ilha demokrazija mal-25 sena. Il-president Joko Widodo tela' darbtejn.

L-Indonezja newtrali. Mhijiex wiehed mix-xibka ta' alleati militari li qed jibnu l-iStati Uniti fir-regjun Indo-Pacifiku (Gappun, Korea t'Isfel, Taiwan, Filippini, l-Awstralja u New Zealand). Is-sena l-ohra l-Indonezja kellha l-presidenza tal-G20 u Widodo zar kemm Kiev kif ukoll Moska. Widodo jzur ic-Cina kull sena.

Madankollu l-iStati Uniti jinkludu l-Indonezja fl-inizjattiva ta' 'friendshoring', li ghandha l-ghan li tnaqqas id-dipendenza ekonomika taghhom mic-Cina u zzid il-kummerc u l-investiment ma' pajjizi izghar tar-regjun.

Il-Partnership and Cooperation Agreement (2014) bejn l-UE u l-Indonezja jinkludi d-djalogu politiku u dwar is-sigurtà, barra minn kwistjonijiet ekonomici. Ikopri l-glieda kontra t-terrorizmu, l-estremizmu vjolenti u l-kummerc tad-drogi, crisis management, edukazzjoni dwar id-difiza, cyber u maritime security. Il-kooperazzjoni qed tikber bejn l-Indonesian Armed Forces u entitajiet tal-UE.

L-istrategija tal-UE dwar l-Indo-Pacific (2021) identtifikat seba' prijoritajiet ghall-kooperazzjoni: sustainable and inclusive prosperity, green transition, ocean governance, digital governance and partnerships, connectivity, security and defence, u human security. Saru zewg laqghat fl-2022 fuq livell ministerjali.

*Risposti ghall-mistoqsijiet dwar ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Indonezja fil-****gejjieni*** *– numri 1-5 mill-Membri tal-Gvern, 1-3 mill-Membri tal-Oppozizzjoni*

Malta u l-Indonezja bdew ir-relazzjonijiet diplomatici fl-1979. Minn dak iz-zmien 'l hawn ma kkonkludew l-ebda trattat jew ftehim bejnethom. L-Ufficju tal-iStatistika ma jaghti l-ebda informazzjoni dwar Indonezjani li gew Malta bhala turisti. Malta hawn madwar 200 immigrat Indonezjan.

Fl-ahhar erba' snin l-esportazzjoni Maltija lejn l-Indonezja kienet tiswa b'kollox €0.6 miljun, l-importazzjoni minn dak il-pajjiz €18-il miljun. Stakeholders fil-komunità kummercjali Maltija ma jsemmux l-Indonezja fost il-pajjizi li haqqhom prijorità.

Hemm bosta ragunijiet ghan-nuqqas ta' attività bejn iz-zewg pajjizi. Id-distanza geografika. Id-distakk fid-daqs u fil-livell ekonomiku. Il-fatt li fl-ahhar 40 sena iz-zewg pajjizi hadmu l-aktar biex ikabbru r-rabtiet taghhom

fir-regjun rispettiv taghhom, fil-kaz ta’ Malta l-Unjoni Ewropea, fil-kaz tal-Indonezja l-ASEAN, ic-Cina u l-bqija tal-Asja.

Irridu nibdew mill-bidu. Naraw jekk iz-zewg pajjizi jixtiequx jikkonkludu ftehim konsolari dwar visas. Din tkun il-bazi ghat-tkabbir tat-turizmu, ghall-migja ta’ studenti Indonezjani biex jistudjaw il-lingwa ngliza u ghall-iskambju ta’ negozjanti u industrijalisti.

Malta trid tkompli ssegwi b’interess u b’impenn ir-relazzjonijiet tal-UE u l-Indonezja ghal dak li huma: il-free trade agreement u d-djalogi dwar sigurtà, ambjent u klima.

X’inhu l-interess tal-Indonezja f’Malta? Li jkollha pajjiz habib iehor fi hdan l-UE li tkun tista’ tillobbja waqt in-negozjati.

Bdew in-negozjati bejn l-UE u l-Indonezja ghal free trade agreement. Dawn idumu s-snin. L-UE interessata li jkollha l-access ghan-nickel, essenzjali ghall-karrozzi elettrici. L-Indonezja ma tridx relazzjoni neo-kolonjali fejn pajjizi zviluppati jiehdu l-materji primi mill-kolonji. Trid aktar investiment mill-UE specjalment fil-processar tal-materji primi.

Id-deforestation regulation tal-UE tipprojbixxi l-importazzjoni ta’ prodotti li huma rizultat tal qtugh ta’ sigar biex jaghmlu post ghall-agrikultura. Hu maghruf li intraprizi Indonezjani jipprattikaw dan il-qtugh bil-kbir. L-Indonezja tqies bhala protezzjonista l-politika tal-UE dwar importazzjoni ta’ palm oil u prodotti tal-industrija tal-pulp and paper.

Hemm zewg intraprizi multinazzjonali fil-qasam tal-pulp and paper, wahda Indonezjana u l-ohra le. Jidhru li jahdmu flimkien u b’hekk imorru kontra l-ligijiet tal-UE favur il-konkorrenza.

Intraprizi Indonezjani jistghu juzaw lil Malta biex jesportaw in-nickel u l-prodotti tal-industrija tal-pulp and paper? Jew Malta zghira wisq?

***(Ara l-Annex b’siltiet recenti dwar l-Indonezja mill-Financial Times.)***